Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 311/2013/1

**Charichelon Company Limited (C-14614)**
**(appellata)**

**Vs**

**Alkida Rama**
**(appellanti)**

18 ta' Diċembru, 2018.

1. Permezz ta' rikors preżentat fl-4 ta' Ottubru 2013, il-kumpannija attriċi Charichelon Company Limited talbet lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-konvenuta Alkida Rama tħallasha is-somma komplessiva ta' sitt elef u disa' mitt euro (€6,900) talli unilateralment itterminat l-impieg tagħha magħha permezz ta' ittra mingħajr data li s-soċjetà attriċi rċeviet fl-4 ta' Marzu tas-sena 2013 bi ksur tal-kuntratt tal-impieg datat 21 ta' Ottubru 2010 u debitament iffirmat mill-konvenuta fl-istess data b' effett mill-25 ta' Ottubru 2010 għal perjodu definit ta' erba' snin.

2. Permezz ta' risposta[1] ppreżentata fit-12 ta' Novembru 2013, il-konvenuta eċċepiet is-segwenti mingħajr preġudizzju għal xulxin: (i) talbet korrezzjoni fl-okkju stante li n-numru tal-karta tal-identità tagħha nbidel minn 24707(A) għal 210612(L); (ii) illi hija kellha raġuni tajba, valida u suffiċjenti fil-liġi sabiex tittermina l-impieg tagħha stante trattament kiefer u kundizzjonijiet mhux xierqa, fosthom l-obbligu ta' sigħat maħduma eċċessivi li rriżultaw f' periklu reali għaliha kif ukoll ksur tad-drittijiet tagħha bħala impjegata inkluż iċ-ċaħda kontinwa għal talbiet ta' *leave*, fost affarijiet oħra; (iii) li ma seħħ l-ebda ksur tal-kuntratt tal-impieg kif allegat stante li l-artikolu 36(14) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jeżenta lill-impjegat mill-obbligu li jagħti avviż tat-tmiem tal-impieg; u (iv) fi kwalsiasi każ, il-kuntratt tal-impieg *de quo* jidderoga mil-liġi favur tagħha in kwantu anké kieku kellu jinstab li hija ma kellhiex raġuni tajba li tittermina l-impieg tagħha mal-attriċi, kull ma għandha tħallas għas-saldu huwa l-korrispettiv ta' xahar paga.

[1] Fol. 12 – 13.

3. Permezz ta' sentenza tas-7 ta' Marzu 2018 l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet billi filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta in kwantu rregolat ruħha waqt l-andament tal-kawża, ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha l-oħra u laqgħat it-talbiet attriċi b'dan illi kkundannat lill-konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi dik is-somma mitluba minnha fir-rikors promutur fl-ammont ta' sitt elef u disa' mitt ewro (€6,900), bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.

4. Illi minn din is-sentenza appellat il-konvenuta. L-aggravji tagħha huma illi:

   a. l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkonkludi li ma kellhiex kawża ġusta u suffiċjenti biex tittermina unilateralment il-kuntratt *de quo*;
   b. bla preġudizzju, l-Ewwel Qorti żbaljat fil-mod kif illikwidat id-danni favur is-soċjetà attriċi appellata.

5. Illi permezz ta' risposta tagħha, l-appellata wieġbet li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

6. Fir-rigward tal-ewwel aggravju l-appellanti ssostni li l-eċċezzjoni tar-raġuni tajba u suffiċjenti hija waħda wiesgħa u tinkorpora fiha l-kunċett ta' *constructive dismissal* ukoll. Ir-referenza li hija għamlet għad-deċiżjoni fl-ismijiet ***Lufthansa Teknik Malta Limited vs Ramon Caruana*** kienet limitata tad-dottrina dwar *constructive dismissal* u mhux b'analoġija għall-fatti tal-każ. Hija tilmenta li l-ambjent tax-xogħol kien wieħed oppressiv u fix-xhieda tagħha hija tat diversi eżempji ta' mġieba ħażina, irraġonevoli u saħansitra li jirraċenta l-ksur kuntrattwali, fosthom: (i) diffikultajiet varji biex tieħu l-*leave* u, (ii) l-projbizzjoni li tagħfas '*like*' fuq paġna *Facebook* ta' kompetitur tagħha. Tinsisti li rringrazzjat lis-soċjetà appellata meta ngħatat *promotion* u fl-ittra tar-riżenja biss b' edukazzjoni u l-Ewwel Qorti żbaljat li nterpretat dan bħala sinjal ta' relazzjoni lavorattiva tajba u sana. Tgħid li mhux talli kellha raġunijiet tajba u suffiċjenti biex tittermina l-kuntratt in kwistjoni mingħajr riperkussjonijiet, talli l-każ *de quo* jirraffigura f' każ ta' *constructive dismissal* hekk kif spjegat minnha fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha.

7. Fl-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet, l-appellanti rrilevat li hija kienet ġustifikata bit-terminazzjoni tagħha qabel iż-żmien u dan minħabba li hija kienet vittma ta' *constructive dismissal* dovut għal:

> *'1. l-istress minħabba x-xogħol li kienet qegħda tagħmel u l-pressjoni addizzjonali kważi impossibbli derivanti min-nuqqas t' organizzazzjoni / over-booking / double-booking tas-soċjetà attriċi;*

*2. l-overtime kontinwu ferm aktar minn dak permess skond il-liġi;*

*3. it-trattament ħażin li kienet qiegħda tirċievi mill-managers u l-uffiċjali tas-soċjetà attriċi senjatament fil-prassi adottata rigward l-approvazzjoni (jew saħansitra n-nuqqas ta') tal-leave li għaliha kienet intitolata.'*

8. Dwar it-tieni punt, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, ikkontestat li ħadmet biss 45.97 siegħa f' ġimgħa, kif allegat mill-attriċi, u tgħid li matul Diċembru 2012 hija ħadmet medja ta' 58.16 siegħa fil-ġimgħa filwaqt li f' Jannar ħadmet 64.8 siegħa fil-ġimgħa. Hija bbażat dawn il-figuri fuq il-*payslips* tagħha mmarkati **Dok. 'RA1'** u **Dok. 'RA2'** a fol. 115 u 116 tal-proċess. Tgħid li tant mhux hekk li hija kienet mistennija taħdem 54 siegħa f'ġimgħa skont il-kuntratt. Tgħid li dawn is-sigħat eżaġerati kkaġunawlha stress qawwi u wasslu għal inċident ta' natura gravi meta marret għajnejha biha waqt li hi kienet qed issuq lura d-dar wara ġurnata xogħol fid-19 ta' Diċembru 2012. Inoltré, dawn is-sigħat imorru kontra l-leġislazzjoni sussidjarja 452.87 (*Organisation of Working Time Regulations*). Tgħid li huwa minnu li hija avvanzat fil-grad iżda l-kumpens ulterjuri ma kienx proporzjonat mar-responsabilitajiet il-ġodda tagħha. Dwar l-allegat trattament ħażin irreferiet imbgħad għar-reazzjoni skontha eċċessiva tal-attriċi meta hija għamlet '*like*' ta' paġna *Facebook* ta' soċjetà kompetitriċi.

9. Fir-rigward, id-deċiżjoni appellata tgħid is-segwenti:

*'... din il-Qorti trid tara jekk bir-ragunijiet li resqet il-konvenuta rnexxilhiex tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li hija kellha raguni tajba u bizzejjed sabiex tittermina l-impjieg taghha qabel il-waqt bla ma tiffaccja il-konsegwenzi legali ta' tali decizjoni.*

*Jidher li l-konvenuta ghamlet zmien konsiderevoli tahdem mas-socjeta' attrici u dan ghall- perjodu ta' sena u ghaxar xhur mill-erbgha snin li ntrabtet li tahdem. Jirrizulta li f'dan il-perjodu l-konvenuta bdiet l-impjieg taghha bhala 'make up artist' u sahansitra nghatat promotions tant li meta tterminat l-impjieg taghha kellha l-pozizzjoni ta' assistant manager. Jidher li l-konvenuta kienet kuntenta bil-promotion li nghatat tant li hasset il-htiega li tibghat e-mail lis-socjeta' attrici nhar it-23 ta' April 2011 (vide Dok CSH 3) esebita fl-atti a fol 38 fejn stqarret is-segwenti "I am dropping you these couple of lines to thank you and the rest of the directors for the recent promotion within INGLOT. I am very grateful for such an opportunity, and asure you of my dedicaton and commitment towards the company". Anzi tkompli tghid li "Our recent meeting has motivaed me to work even harder; and I remain open to receive feedback from your end."*

*Pero' minkejja din l-email ta' ringrazzjament l-konvenuta fin-nota ta' sottomissjoni taghha tghid li mal-promotion hija kellha iktar responsabbilitajiet u iktar pressjoni ta' xoghol. Naturalment wiehed jistenna li jekk ikun hemm avvanz fil-pozizzjoni ikun hemm responsabbiltajiet aktar. Tghid ukoll li ma kellhiex kumpens xieraq ma' din il promozzjoni pero' imkien ma jirrizulta fl-atti li*

*f'xi hin l-konvenuta kelha xi lment f'dan ir-rigward salv ghal dak li ntqal fin-nota taghha.*

*Jirrizulta li in segwitu ghall-promozzjoni taghha, is-socjeta' attrici anke baghtitha ghall-korsijiet dwar management u dan fi Frar tas-sena 2012 u cioe' ghaxar xhur wara li hadhet il-promotion (vide Dok CSH 6 a fol. 39 tal-atti).*

*Fl-atti hemm esebita wkoll e-mail ohra datata 15 ta' Marzu 2012 fejn l-konvenuta rringrazzjat lis-socjeta' attrici ghal dak kollu li kienet qed taghmel ghaliha u ghall-opportunita' li giet moghtija lilha minnha fejn sahansitra anke ddikjarat li kien ikun difficli sabiex issib nies li jifhmu s-sitwazzjoni taghha. Hemm ukoll e-mail ohra datata 19 ta' April 2012 u dan b'referenza ghall-ghajnuna li s-socjeta'attrici tat lill-konvenuta sabiex totjeni 'work permit' fejn l-konvenuta tirringrazzja lis-socjeta' attrici ghal "patience and understanding" taghha.*

*Kien biss l-ittra li baghtet l-konvenuta f'Marzu 2013 fejn ghal darb'ohra, minkejja li kienet qed tirrizenja mix-xoghol taghha, rringrazzjat lis-socjeta' billi qalet "I appreciate the opportunities I have been given at Inglot and the professional guidance and support with which you have provided me." Mhux hekk izda rringrazzjathom talli acettawha bhala parti mit-tim taghhom. In oltre stqarret ukoll "Please let me know if I can be of any assistance during the transition" (Dok CSH 10 a fol 59).*

*Ghalhekk is-socjeta' attrici pprovat li l-konvenuta kellha relazzjoni tajba maghha u li in effetti t-terminazzjoni taghha giet bhal sajjetta fil-bnazzi. Is-socjeta' attrici tghid li din giet promulgata ghaliex id-dipartiment tal-IT taghha sabet li l-konvenuta kienet qed taghmel like ghal xi prodotti kosmetici li kien 'in competition'(vide fol 49 – 55) mas-socjeta' attrici u meta s-socjeta' attrici gibditilha l-attenzjoni taghha li ma setghetx taghmel hekk permezz ta' email datat 28 ta' Frar 2013 (fol. 57 Dok CSH 9), ftit jiem wara rrizenjat.*

*Il-konvenuta min-naha l-ohra tghid li hija ma setghetx tkompli tahdem mas-socjeta' attrici minhabba l-kundizzjonijiet tax-xoghol. Tghid li hija applikat ghall-leave u dan fil-parti kbira kien jigi rifjutat. Mid-dokumenti esebiti minn Colin Aquilina dan ma jirrizutalhiex li huwa minnu ghaliex fil-fatt bhala statistika jirrizulta li in effetti 88% tad-drabi, t-talbiet taghha gew approvati (ara xhieda a fol. 52 ta' Colin Aquilna li ma gietx kontestata u r-rapport intitolat ROCS a fol 64).*

*Stqarret li kienet tahdem hinijiet twal hafna kif fil-fatt qalet a fol. 113 li kienet taghmel 53 siegha fil-gimgha. Issa minn dak li stqarr Colin Aquilina u appuntu mir-rapport esebit fl-atti a fol.79 li jirrapprezenta l-official punch clock timings immarkat bhala Dok ROCS 3 a fol. 79, il-konvenuta kienet tahdem an average ta' 45.7 siegha fil-gimgha u tal-overtime li kienet taghmel naturalment kienet tithallas.*

*Ilmentat ukoll li l-agir tas-socjeta' attrici kien kissirha mentalment, fizikament u emozzjonalment. Pero' provi dwar dan ma resqitx.*

*Illi x-xhieda li resqet u cioe' Amanda Greaves u Jacqueline Ann Ciavola ma jghidu xejn dwar l-impjieg tal-konvenuta per se izda iktar jitkellmu fuq l impjieg li kellhom huma fejn jidher evidenti li ma kienux kuntenti bix-xoghol li kellhom. Illi din il-Qorti ma tistax tiehu dak li qalu dawn ix-xhieda in isolazzjoni sabiex tghid li qed jikkorraboraw dak li stqarret l-konvenuta. Jidher car li l-konvenuta qalet dak li qalet waqt il kawza sabiex tipprova tahrab mir-responsabbilita' taghha li tonora l-ftehim li kellha u thallas dak dovut minnha bhala penali.'*

10. Dwar l-ilment tal-appellanti referibbli għall-fatt li l-Ewwel Qorti rrimarkat li hija ma nvokatx l-eċċezzjoni ta' *constructive dismissal*, jirriżulta effettivament li l-eċċezzjoni mogħtija mill-appellanti kient illi hija kellha **raġuni tajba, valida u sufficjenti** fil-liġi biex tittermina l-impieg tagħha b' dan illi a tenur tal-artikolu 36(14) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali hija ma kellha l-ebda obbligu tagħti avviż ta' temm ta' impieg.

11. L-artikolu 36(14) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jipprovdi kif ġej:

*'(14) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' hawn qabel ta' dan l-artikolu, prinċipal jista' jibgħat impjegat u l-impjegat jista' jitlaq is-servizz tal-prinċipal, mingħajr ma jagħti avviż u mingħajr ebda obbligu li jagħmel ħlas kif dispost fis-subartikoli (10), (11) u (12)* ***jekk ikun hemm raġuni tajba u biżżejjed biex dak l-impjegat*** *jintbagħat jew* ***jitlaq mis-servizz*** *...'*

12. Il-ġurisprudenza tistabbilixxi li tali difiża, oltré l-inadempjenza kuntrattwali, tinkorpora ukoll fatti soġġettivi u objettivi:

*"Jidher li kemm id-dottrina legali kif ukoll il-ġurisprudenza jirritjenu li l-kunċett "tar-raġuni tajba u biżżejjed", mhux definit mil-liġi, hu ravviżat f'dawk il-fatti u mġieba tali li jġibu t-tnaqqis ta' dik il-fiduċja, hekk kostitwenti l-presuppost essenzjali tar-rapport prinċipal-impjegat. Oltre l-inadempjenza kuntrattwali per se, fir-raġuni tajba jirrientraw fatti kemm soġġettivi kif ukoll objettivi. Kull valutazzjoni dwarhom trid issir b'riferiment għal dak dawk l-aspetti konkreti, kollegati man-natura tarrapport singlu, il-posizzjoni tal-partijiet fl-azjenda jew stabbiliment, u mhux lanqas il-portata soġġettiva tal-fatt innifsu, ossija ċ-ċirkostanzi verifikati fil-motivi u l-intensita tagħhom, kompriż kull aspett ieħor korrelat li jista' jinċidi negattivament fuq ir-rapport"*[2]

13. L-ilmenti mressqa mill-appellanti in sostenn ta' din id-difiża ġew kollha ndirizzati mill-Ewwel Qorti. Dwar il-kwistjoni tal-*leave*, din il-Qorti diġa esprimiet ruħha fil-kawża ***Charichelon Company Limited vs Amanda Greaves***[3] illi ma tara xejn ħażin fil-fatt li l-impjegati jiġu mitluba jippjanaw il-*leave* fil-bidu tas-sena. Mill-atti jirriżulta li:

[2] ***Cavendish Hotels Limited vs Jesmond Beck,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Novembru, 2005.
[3] Deċiża fit-22 ta' Settembru 2017.

- għalkemm l-appellanti bdiet taħdem mas-soċjetà appellata fil-25 ta' Ottubru 2010, l-istatistika eżebita tirreferi biss għall-perjodu mill-2012 'l quddiem;
- fil-perjodu bejn it-23 ta' Frar 2012 sat-2 ta' Marzu 2013, minn talba għal 51 jum *leave*, kien hemm 6 ġranet li ma ġewx approvati;[4]
- minkejja li fil-31 ta' Lulju kienet *leave*, jidher li daħlet xogħol bejn it-8:32 u 9:24 iżda mill-atti ma jirriżultax li kien hemm xi drabi oħra li reġa' ġara dan[5] għalkemm fl-email eżebita bħala '**ROCS2**' jirriżulta li fl-1 ta' Frar 2013 l-appellanti ukoll daħlet għal *meeting* ta' filgħodu minkejja li ħadet il-kumplament tal-ġurnata *leave;*[6]
- f' dik l-okkażjoni tal-1 ta' Frar 2013, jirriżulta li l-appellanti lmentat dwar *leave* miċħud u minkejja li baqa' ma ġiex approvat xorta waħda ma marritx għax-xogħol.[7]

14. Huwa minnu li l-*leave* huwa d-dritt tal-impjegat iżda dan ma jfissirx li jrid jiġi approvat f'kull każ u rrispettivament mill-eżiġenzi tax-xogħol. Jekk żewġ impjegati jew aktar jitolbu l-istess ġranet *leave* huwa aċċettabbli li l-priċipal jitlobhom jiftehmu bejniethom sabiex in-negozju jkun jista' jibqa' għaddej. Ovvjament, jekk ikun hemm diżgwid kull darba li impjegat jitlob il-*leave*, dan jista' jwassal għal tensjoni u stress żejjed fuq il-lant tax-xogħol. Iżda ma tressqitx prova li dan kien prevalentement il-każ kull meta l-appellanti applikat għall-*leave.*

15. Huwa ukoll komprensibbli li prinċipal jitlob lill-impjegati joqgħodu lura milli jipprevalixxu ruħhom mil-*leave* tagħhom fi żmien partikolari tas-sena meta l-attività in kwistjoni tkun l-aktar intensiva, bħal ma huwa żmien il-Milied għal ċertu setturi. Ovvjament, salv f' każ ta' *emergency leave*. L-appellanti fil-fatt ilmentat dwar *emergency leave* li ġie miċħud minkejja li kien meħtieġ biex takkumpanja lill-ommha l-isptar[8] iżda skont email mibgħuta dik il-ġurnata stess mill-*Head of Administration* lid-diriġenti tal-kumpannija attriċi li ġiet eżebita minn Colin Aquilina u mmarkata '**ROCS2**',[9] jirriżulta li l-appellanti ma nfurmatx lis-superjuri tagħha r-raġuni għalfejn kellha bżonn dan il-*leave.* Helen Vella Galdes kitbet hekk:

> '*A week ago Alkida Rama applied for leave and unfortunately I could not approve it. She continued to insist that she must have it so last Wednesday in front of Edwina I told her that we could come to a compromise and that I can approve half day in the morning.*

---

[4] Fol. 64 – 65.
[5] Fol. 98.
[6] Fol 78.
[7] Fol. 65.
[8] Fol. 113.
[9] Fol. 78.

*She once again replied that she wanted the leave, and applied for emergency leave since at 14:00 she has an appointment (which she never told me what it is) and she is going no matter what. I tried to explain that I cannot approve this leave since Olga is on leave and I only have 2 trainees and a part timer on duty on a Friday. If this is not bad enough, we also have 3 new staff starting today.*

*This morning she came for the meeting we had at 8:30am not in uniform and when I questioned her about this and begged her to at least you she should work till 14:00, I explained that she should at least start training new staff, she said that she is leaving anyway and she didn't know about the new staff ...'*

16. S' hawnhekk, din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni tajba u biżżejjed li tiġġustifika lill-appellanti titlaq mill-impieg mal-appellata mingħajr l-ebda avviż jew obbligu ta' ħlas skont l-artikolu 36(12) tal-Kap. 452, liema artikolu jifforma l-bażi tal-pretensjoni tagħha. Aktar u aktar meqjus il-fatt li finalment ħadet il-*leave* li kienet intitolata għalih.[10]

17. L-appellanti tilmenta ukoll li meta kienet tkun bil-*leave* kienet xorta tintalab tidħol għall-*meetings* jew tattendi dawk il-korsijiet li kienu jibgħatuha tagħmel il-prinċipal tagħha. Fil-prinċipju din il-Qorti taqbel li impjegat huwa intitolat għal-*leave* tiegħu sabiex jistrih u jaqdi l-bżonnijiet tiegħu. Għalhekk, bħala regola ġenerali, impjegat m'għandux jiċċaħħad minn dan id-dritt b'xi pretensjonijiet simili da parti tal-prinċipal, salv f'każijiet singolari u ta' emerġenza. Madanakollu, mill-provi ma jirriżultax li din kienet xi użanza frekwenti fil-każ tal-appellanti. Huwa minnu li fil-31 ta' Lulju, meta l-appellanti kienet *leave*, daħlet għax-xogħol bejn it-8:32 u 9:24 iżda mill-atti ma jirriżultax li kien hemm xi drabi oħra li reġa' ġara dan[11] għalkemm fl-email eżebita bħala '**ROCS2**' jirriżulta li fl-1 ta' Frar 2013 l-appellanti daħlet għal *meeting* ta' filgħodu minkejja li ħadet il-kumplament tal-ġurnata *leave.* Iżda dan l-aħħar każ kien wieħed partikolari għaliex il-*leave* tagħha ma kienx approvat. Min-naħa l-oħra ċ-ċertifikati ta' attendenza maħruġa mill-*MISCO* huma datati '*February 2012'* u ma jindikaw l-ebda ġurnata speċifika meta attendiet għal dan it-taħriġ.[12] Mid-dokumenti eżebiti jirriżulta li fi Frar 2012 l-appellanti kienet bil-*leave* fit-23 biss. Ma jirriżultax li attendiet xi taħriġ f' dik il-ġurnata. Jirriżulta iżda li kien hemm ġranet fejn l-appellanti daħlet xogħol ftit anqas minn siegħa meta kienet fil-ġurnata '*off'.* Pero' m'hemm biżżejjed dettalji li jistgħu jwasslu lil din il-qorti biex tiddeċiedi favur l-appellanti.

18. L-appellanti tilmenta ukoll dwar l-episodju meta ġiet mwissija biex ma tagħmilx '*like'* fuq paġna *Facebook* ta' kumpannija kompetitriċi li s-sieħeb tagħha huwa diriġent tagħha. Dwar dan l-appellanti m'għandhiex raġun. Meta kienet fl-

[10] Fol.64 u 65.
[11] Fol. 98.
[12] Fol. 39 – 40.

impieg mal-attriċi, l-appellanti kienet tirrapreżentaha mal-klijenti li kienu jiġu assenjati lilha. *Facebook* huwa pjattaforma pubblika u ma jirriżultax li l-paġna tal-appellanti kienet *closed page.* Għalhekk, meta hija għafset '*like*' fuq il-paġna tas-soċjetà kompetitriċi tal-attriċi, tali informazzjoni kienet pubblikament disponibbli u nxterdet mal-*contacts* tagħha. Pjattaformi bħal *Facebook* huma llum metodu effettiv ħafna sabiex kumpanniji jirreklamaw il-prodotti u servizzi tagħhom u jista' jkollhom anké valur ekonomiku għal min ikollu ħafna kuntatti, għalkemm dan ma jirriżultax li kien il-każ tal-appellanti. F' kull każ, l-aġir tal-appellanti kien qiegħed pubblikament jimmanifesta l-approvazzjoni tagħha, *qua professional makeup artist*, tal-prodotti kompetitriċi. Għalhekk ma jistax jingħad li r-reazzjoni tal-attriċi kienet waħda irraġonevoli jew oppressiva fiċ-ċirkostanzi.

19. Fir-rikors tal-appell l-appellanti m'għamlitx argumenti oħra. Illimitat ruħha biex tgħid li meta xehedet, *"tat diversi eżempji ta' imġieba ħażina, irraġonevoli u li saħansitra jirrażenta l-ksur kuntrattwali"* u wara semmiet biss l-eżempji li ġew trattati hawn fuq.

20. L-appellanti xehedet li kienet qegħda taħdem 53 siegħa kull ġimgħa. Fin-nota ta' sottomissjonijiet semmiet li matul il-perjodu bejn l-1 u l-31 ta' Diċembru, 2012 ħadmet medja ta' 58.16 siegħa filwaqt li bejn l-1 u 31 ta' Jannar, 2013 ħadmet medja ta' 64.8 siegħa. Qalet li, *"... l-agħar kundizzjoni li l-esponenti kienet issib u li dwarha tixtieq li tagħmel l-akbar enfażi huma l-ħinijiet tax-xogħol".*[13] Il-prova li kienet qegħda taħdem 53 siegħa kull ġimgħa kellha ssir mill-appellanti. L-appellanti ma tistax tippretendi li din il-qorti b'lenti toqgħod tanalizza d-dokumenti eżebiti a fol. 80 et seq tal-proċess, sabiex tiddetermina jekk kinitx qegħda taħdem iktar minn medja ta' 48 siegħa fil-ġimgħa fuq perjodu ta' sbatax-il ġimgħa (ara regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.87). Dak hu eżerċizzju li kellha tagħmel hi ġialadarba lmentat dwar il-ħinijiet li kienet iddum ix-xogħol. Kieku saret tali prova mbagħad l-appellata kien ikollha l-opportunita' li tagħti r-reazzjoni tagħha. M'huwiex biżżejjed li l-appellanti tagħmel *sweeping statement* li kienet taħdem dawk is-sigħat kollha mingħajr ma tagħti rendikont tas-sigħat li ħadmet kull ġimgħa u spjegazzjoni ċara dwar kif għamlet il-kalkoli, u b'hekk il-qorti titpoġġa f'posizzjoni tiddeċiedi jekk l-eċċezzjoni hijiex ġustifikata. Iż-żewġ perjodi li rriferiet għalihom (paragrafu 2.5 tan-nota ta' sottomissjonijiet) m'humiex biżżejjed biex iwasslu lill-qorti tikkonkludi li l-appellanti kienet ġustifikata li tittermina l-kuntratt ta' impieg.

21. Għalkemm l-appellanti qalet li bejn l-1 u 31 ta' Jannar, 2013 ħadmet medja ta' 64.8 siegħa fil-ġimgħa, mid-dokument a fol. 94-95 ma rriżultax lill-qorti li hekk hu. Mill-kalkoli li għamlet il-qorti rriżulta anzi li fl-ewwel ġimgħa ħadmet 40.13 siegħa, fit-tieni gimgħa 48.62 siegħa, fit-tielet ġimgħa 49.06 siegħa, fir-raba'

[13] Fol. 205.

ġimgħa 38.53 siegħa, u fl-aħħar ġimgħa sal-31 ta' Jannar, 2013 ħadmet 33.53 siegħa. Fir-rigward tal-perjodu bejn l-1 u 31 ta' Diċembru, 2012 hu minnu li kien hemm ġimgħat fejn per eżempju l-appellanti ħadmet 64.41 siegħa, 67 siegħa u 51.48 siegħa.[14] Pero' kien hemm ġimgħa fejn ħadmet 40.65 siegħa. Dan apparti li m'hemmx prova li oġġezzjonat.

22. Hu fatt li fil-kuntratt ta' impieg jingħad li l-impjegat jiftiehem li jaħdem iktar minn 48 siegħa fil-ġimgħa f'kwalsiasi perjodu ta' sbatax-il ġimgħa (klawżola 6(b) tal-kuntratt). Dan bi ksur ta' regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 452.87. Pero' rilevanti huma provi dwar dak li fil-fatt ġara. L-istess klawżola tipprovdi li l-impjegat jista' meta jrid jittermina dak il-ftehim dwar sigħat ta' xogħol in eċċess ta' 48 siegħa, *"by giving not less than three (3) months written notice to the Employer"*. Avviż li m'hemmx prova li l-appellanti qatt tat. Bl-istess mod, m'hemmx prova li l-appellanti qatt ilmentat mas-superjuri tagħha dwar is-sigħat twal ta' xogħol. Għalhekk li wieħed jipprova jagħti l-impressjoni li dik kienet ir-raġuni prinċipali għalfejn telaq mix-xogħol li kellu, m'hijiex kredibbli. M'hemmx prova li kien hemm relazzjoni ħażina bejn l-appellanti u s-superjuri tagħha. Fil-fatt hi stess fl-ittra li biha avżathom li qegħda tittermina l-impieg kitbet ukoll:[15]

> *"I appreciate the opportunities I have been given at Inglot and the professional guidance and support with which you have provided me.*
>
> *Whilst wishing you and the company success in the future, I would like to thank you for having me as part of your team. Please let me know if I can be of any assistance during the transition"*.

Kliem li jkompli jagħti lill-qorti x'tifhem li l-appellanti ma spiċċatx mill-impieg *on a sour note*. Tant hu hekk li offriet li tgħin fil-perjodu ta' transizzjoni. Il-qorti m'hijiex ser toqghod tasal għal xi konklużjoni li dak il-kliem inkiteb b'sens ta' korteżija. Il-qorti ma tispekulax. Li hu żgur hu li l-kliem ma jagħtux il-messaġġ li l-appellanti tterminat l-impieg tagħha minħabba l-kundizzjonijiet ħżiena li fihom kienet qegħda taħdem fihom. Dan apparti li kif diġa' ssemma m'hemmx provi li l-appellanti qatt ilmentat mas-superjuri tagħha dwar il-kundizzjonijiet ta' xogħol. Jidher li meta kien hemm bżonn li l-appellanti titkellem, kienet kapaċi (ara per eżempju l-email ta' Helen Vella Galdes (fol. 78) dwar meta fl-aħħar ta' Jannar 2013 applikat għal-leave u ma kienx ġie approvat).

23. Jidher li kien hemm drabi fejn l-appellanti ma ħaditx *break* f'ġurnata sħiħa 'l fuq minn għaxar sigħat. Regolament 5 tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol (L.S. 452.87) li jipprovdi:

---

[14] Fol. 91-91.

[15] Fol. 59.

*'(1) Kull ħaddiem għandu jkollu d-dritt għal waqfa ta' mistrieħ meta l-ġurnata tax-xogħol tkun itwal minn sitt sigħat'.*

Pero' m'hemmx prova li s-superjuri tagħha ma kinux qegħdin iħallu lill-appellanti tieqaf għall-mistrieħ. Lanqas m'hemm prova li qatt ilmentat mas-superjuri tagħha.

24. L-argumenti li għamlet l-appellanti fir-rigward tal-meritu tal-kawża ma jwasslux lil din il-qorti biex tikkonkludi li l-ewwel qorti għamlet apprezzament għal kollox żbaljat tal-provi u li d-decizjoni tal-ewwel qorti hi irragonevoli.

25. It-tieni aggravju tikkonċerna r-raba' eċċezzjoni, li biha l-appellanti argumentat li f'kull każ kull ma kellha tħallas lill-prinċipal kienet xahar paga. Effettivament l-ewwel qorti ċaħdet ukoll din l-eċċezzjoni. Pero' fl-ebda parti tas-sentenza ma jidher li kkunsidrat dik l-eċċezzjoni. Eċċezzjoni li hi bażata fuq klawżola 10.3 tal-kuntratt ta' impieg, u ċjoe li f'każ ta' terminazzjoni tal-impjieg mill-impjegata, għandha tagħti avviż ta' ġimgħa. Fil-fatt it-talba fir-rikors tal-appell hi sabiex din il-qorti *"... tvarja d-danni li għandhom jitħallsu mill-konvenuta għall-ammont ta' Euro 345.11.....".* Din il-qorti tifhem dik il-klawżola li tfisser li l-impjegata kellha taħdem dak ix-xahar, u mhux li tħallas biss kumpens għal xahar b'deroga għal dak li jipprovdi l-artikolu 36(12) tal-Kap. 452. M'hemmx provi li jindikaw li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li jidderogaw mill-artikolu 36(12) tal-Kap. 452. Għalhekk m'hemmx il-ħtieġa li din il-qorti tikkunsidra jekk partijiet għall-kuntratt ta' impieg jistgħux jidderogaw minn kundizzjoni bħal dik.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.